MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Numru. 491/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO BARTOLO**

**VS**

**JOSEPH MIFSUD**
**NOEL JUSTIN sive NOEL BARTOLO**
**MARIA CONCETTA sive CETTINA SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 428642 (M); l-imsemmi Noel Justin sive Noel Bartolo, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 855553 (M) u l-imsemmija Maria Concetta sive Cettina Spiteri, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 710756 (M).

**Akkuzati talli:**

Nhar it-28 ta` Mejju 2001, u matul is-snin ta` qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Bhala ufficjali jew ufficjali pubblici; hadu interess privat f'affari li dwarha kienu nkarigati jaghtu ordnijiet, jaghmlu likwidazzjonijiet, rangamenti jew hlasijiet ta` kull xorta li jkunu u kkagunaw hsara b'qerq lill-amministrazzjoni illi maghha l-affari jkollha x'taqsam u cioe` il-Gvern ta` Malta;
b) U aktar talli fl-istess perjodu ta` zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficjali jew impjegati pubblici, dolozament bi ksur tad-dmirijiet taghhom, ghamlu jew naqsu li jaghmlu xi att, b'taghkis jew bi hsara ta` haddiehor u cioe` il-Gvern ta` Malta u/jew persuni ohra;

c) U aktar talli fl-istess perjodu ta` zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficjali jew impjegati pubblici, meta kitbu atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga taghhom, biddlu bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzlu pattijiet diversi minn dawk li jkunu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi iddikjaraw bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux;

d) U aktar talli fl-istess perjodu ta` zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innfushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

Kif ukoll Joseph Mifsud wahdu qed jigi akkuzat:

e) Talli fl-istess perjodu ta` zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-

Gvern jew tal-privat, karti ta` kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu jew seraqhom;

f) Talli fl-istess perjodu ta` zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor u cioe` is-somma ta` aktar minn elf Lira Maltija (Lm1,000) ghad-deteriment tal-Gvern ta` Malta liema somma ta` flus kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titlolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u liema haga kienet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju;

g) Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta` zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ghamel qliegh ta` aktar minn elf Lira Maltija (Lm1,000) b'qerq ghad-dannu tal-Gvern ta` Malta;
h) U aktar talli fl-istess perjodu ta` zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta` stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu esiga dak li l-Ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi, liema reat sar b'abbuz ta` awtorita`;

i) U finalment talli fl-istess perjodu ta` zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta` rigal fi flus, jew f'utli iehor, jew ta` xi vantagg iehor li ghalih hu ma kellux jedd, u barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, filfatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Wara li rat in-nota ta` sottomissjonijiet u dawk ulterjuri tal-partijiet;

Illi d-difiza qieghdha teccepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 688 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan sar permezz ta` nota ta` sotomissjonijiet tal-Avukat Arthur Azzopardi li ggib id-data tat-13 ta` April 2012. Il-preskrizzjoni qieghdha tintalab fil-konfront tal-Artikolu 125, 127, 138, 180, 188, 189, 293, 309, 112, 115 taht liema Artikoli tal-Ligi jistghu jinstabu l-akkuzi migjuba kontra l-imputati odjerni. L-Artikoli 126, 190, 294, 310 (1) (a) u 119 huma ancillari ghall-artikoli citati qabel stante illi dawn jittrattaw cirkostanzi aggravanti u, ghalhekk, jekk ghall-grazzja tal-argument, dina l-Qorti kellha tiddeciedi favur il-preskrizzjoni hija tkun qieghdha wkoll tiddeciedi l-eskluzzjoni ta` dawn l-artikoli. Dr. Simon Micallef Stafrace qieghed, permezz ta` nota tal-4 ta` Lulju, 2012, flimkien ma` Dr. Arthur Azzopardi, qieghed fi-intesa din l-eccezzjoni li huwa kien ga ghamel fl-atti inizjali ta` dan il-process, ezattament a fol 6 tal-atti processwali u dan fit-13 ta` Lulju, 2006.

L-eccezzjoni ta` preskrizzjoni bi trapass ta` sentejn, teskludi dawk ir-reati kkontemplati fl-Artikolu 115, 180 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dawn ta` l-ahhar jigu preskritti bi trapass ta` hames snin waqt illi r-reat ikkontemplat bl-Artikolu 127 jigu preskritti bi trapass ta` ghaxar snin. Skond id-difiza u, wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, id-difiza qieghdha ssostni li l-preskrizzjoni ghandha tiddekorri mill-ahhar rahan allegatament li sehh hazing da parti tal-esponenti.

**1/ Rigward l-Artikolu 125, 138, 189, 293, 309, 112 u cioe` preskrizzjoni ta` sentejn.**

Id-difiza hija tal-fehma li kemm skarsezza ta` provi fir-rigward ta` dawn ir-reati liema provi jwasslu biss ghall-fatt illi l-ahhar *overadvancement* sar fis-sena 2001, snin u snin qabel ma l-esponenti gew notifikati bl-imputazzjonijiet odjerni li kienu biss f'Mejju tal-2006. Ir-rahan kollu li sar u b'dan din id-difiza qiedghha tinkludi anke dak ir-rahan li huwa allegat "irregolari" izda li fuqu ma ngabet l-ebda prova (per ezempju r-rahan ta` Anthony Grima li qatt ma xehed f'dawn il-proceduri), dawn kollha jirrisalu ghal kwazi tlett (3) snin qabel ma gew institwiti dawn il-proceduri.

**<u>2/ Rigward l-Artikolu 115 (c) u cioe` preskrizzjoni ta` hames snin.</u>**

Illi l-unici xhieda ghar-reati li jistghu jigi kolpiti b'dan il-perjodu ta` preskrizzjoni huma Mary Vidal u Margaret Borg waqt illi jirrizulta illi l-*overadvancement* fir-rigward taghhom gara fil-1988 u fil-1986 rispettivament. Dr. Jose` Herrera li ppatrocina lix-xhud Borg meta din xehdet fil-21 ta` April, 2009, ukoll eccepixxa l-preskrizzjoni fil-konfront ta` dawk l-akkuzi li setghu jingiebu kontra l-klijenta tieghu ghall-komplicita` minhabba trapass taz-zmien. L-AG, li dak iz-zmien kien qed jibghat ir-rinviji ma qajjem l-ebda oggezzjoni ghal dan il-verbal ta` Dr. Herrera. Ghad-difiza, l-akkuzi li ngabu kontra l-esponenti fir-rigward tal-Artikolu 115 (e) huwa tmintax (18) –il sena tard.

**<u>3/ Rigward l-Artikolu 180 u 188 u cioe` hames snin.</u>**

Anke hawn, id-difiza qiedgha tallega l-preskrizzjoni ta` hames snin stante li dawn ghaddew meta wiehed jikkalkola z-zmien bejn is-26 ta` Mejju, 2001, u cioe` meta d-dipartiment sar jaf b'dan l-allegat agir (vide xhieda Anthony Imbroll) u meta l-esponenti gew notifikati sabiex jidhru quddiem dina l-Qorti u cioe` 13 ta` Mejju, 2006. Skond id-difiza, l-esponenti gew notifikati sebat (7) t'ijiem tard ikkalkulati fil-konfront tal-ahhar istanza ta` *overadvancement* lil Anthony Grima fis-sena 2001.

**4/ Rigward l-Artikolu 127 u cioe` ghaxar snin.**

Id-difiza ssostni li ghaddew mat-tmintax (18) –il sena bejn l-ahhar allegat transazzjoni bejn l-esponenti u Mary Vidal, fis-sena 1988 u n-notifika tal-imputati fis-26 ta` Mejju, 2006.

Illi rigward l-Artikolu 18, id-difiza ssostni li dan l-Artikolu m'ghandux jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta` preskrizzjoni u dan skond il-guristi u l-gurisprudenza nostrana u jikkwota lil Manzini bhala awtur u lill-
Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri – 30 ta` Ottubru, 2001;
Pulizija vs Constantino Balzan – 7 ta` Marzu, 2005,
bhala gurisprudenza. L-argument huwa li z-zieda fil-piena hija biss diskrezzjonali u mhux tassattiva.

Id-difiza wkoll titratta l-Artikolu 692 u cioe` is-sospensjoni tal-preskrizzjoni meta l-hati m'huwiex maghruf. Dan l-Artikolu, skond id-difiza, ma jistax jigi applikat ghal dan ir-reat stante:

a) Skond il-provi prodotti, id-dipartiment sar jaf b'dan il-kaz fid-19 ta` Mejju, 2001;

b) Illi Margaret Borg, Mary Vidal, Carmen Balzia u Mary Anne Brincat illi kienu talbu ghal-zieda fl-ammont lilhom moghti oltre tlieta u ghoxrin (23) sena qabel ma huma ddeponew

waqt illi l-imputati odjerni l-ewwel dehru l-Qorti fis-26 ta` Mejju, 2006. F'dan ir-rigward, id-difiza tikkwota lill-"Pulizija vs Mikiel Agius" dwar in-nuqqas kolpevoli ta` vigilanza tal-vittma, liema nuqqas gie ampjament ippruvat bix-xhieda ta` Louis St. Angelo dwar in-nuqqasijiet tad-dipartiment u tal-awdituri tieghu meta jigi ghal *over* u *under valuations* u li jigu mpjegati nies mhux ta` esperjenza f'dan ix-xoghol.

Jissemmu diversi nuqqasijiet ohra tad-dipartiment li hargu mas-smiegh tal-provi matul il-process tal-provi fosthom irregolarita` tal-irkanti meta dawn suppost gew prefissi kull tlett (3) snin bil-Ligi. Id-difiza ssemmi n-nuqqas ta` *checks and balances* tad-dipartiment. Illi, ghar-rigward tal-espert John Mario Borg imqabbad mid-dipartiment biex jghinha fl-investigazzjoni taghha, id-difiza taghmel referenza ghad-decizjoni "Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri" tas-16 ta` Dicembru, 1988. Illi l-Prosekuzzjoni tirrespingi l-argumenti tad-Difiza u taghmel dan billi targumenta li l-perjodu ta` preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri u jigi sospiz kemm il-darba li l-hati ikun ghadu mhux maghruf u, f'dan il-kaz, allura, tibda tiddekorri mid-data li l-awtoritajiet tal-Pulizija jkunu mgharfa bl-ezistenza ta` dan ir-reat. (Pulizija vs Darrel Bruno, Alexander Attard u Justin Zammit kif ukoll Pulizija vs Mark Joseph Mangion u Marlene Mangion).

Fatt importanti li gie stabilit b'dawn is-sentenzi huwa li l-preskrizzjoni jibda jiddekorri minn meta l-Pulizija setghet issir taf bil-kaz . F'dan il-kaz, il-Pulizija giet maghrufa b'dan il-kaz b'ittra tad-Direttur tal-*Monte di Pieta*` b'ittra datata 28 ta` Mejju 2001. Ukoll, waqt tfittxija fid-dar tal-imputat Mifsud li saret fid-29 ta` Mejju, 2001, instab kwantita` ta` deheb li huwa stess kien rahan u ha avvanz ta` flus fuqu. Din kienet l-ewwel darba li l-Pulizija saret taf b'dan l-incident. Illi l-Prosekuzzjoni wkoll qiedghha tirrispingi n-nuqqas ta vigilanza tad-dipartiment u dan ghall-fatt, illi kieku kien hekk, hija ma kienetx torganizza irkant fejn irrizulta, kategorikament, illi l-prezz tad-deheb illi kien qed jigi mibjugh kien, decizament, eccessiv. Skond il-Prosekuzzjoni, id-Direttur tal-Monte di Pieta` ma setghax jaf x'kienu qed jaghmlu l-impjegati tieghu (Pulizija vs Anthony Sultana). Illi xi haga iktar relevanti fuq il-preskrizzjoni il-Prosekuzzjoni m'ghandiex iktar xi tghid.

Ir-risposta, id-difiza, waqt li taqbel li t-28 ta` Mejju, 2001, kienet id-data meta l-Pulizija saret taf bil-kaz, l-Artikolu 692 ma jikkontemplax dan izda zgur ma jipprovdix illi l-perjodu ta` preskrizzjoni "ma jibdiex jimxi meta l-hati ma

jkunx maghruf" kif qiedghha tallega l-Prosekuzzjoni izda meta r-reat sar maghruf mill-vittma. Sabiex biex tirnexxi l-eccezzjoni ai tenur tal-Artikolu 692 irid ikun hemm injoranza assoluta tal-awtur tad-delitt, fejn il-hati jibqa mhux maghruf f'sens generali u objettiv u minhabba l-malizja tal-istess awtur jew minhabba traskuragni tal-vittma.

Id-difiza hawn tikkwota mis-sentenza "Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri" li tipprovdi li sabiex il-perjodu ta` preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri a tenur tal-Artikolu 692 m'huwiex bizzejjed li l-injoranza tal-identita` tal-awtur tkun biss relattiva ghall-parti leza. Trid tkun *una ignoranza assoluta dell'autore di un delitto*. Hija qed tikkwota "Pulizija vs Mikiel Agius tal-Onor. William Harding" tat-3 ta` Frar, 1947.

Illi jemergi fi shih in-nuqqas kolpevoli ta` dan id-Dipartiment mix-xhieda ta` Louis St. Angelo fejn, in kontro-ezami, jirrizulta n-nuqqas ta` diligenza, nuqqas illi kkontribwixxa ghan-nuqqas ta` prevenzjoni tal-allegat agir kriminali li bih gew akkuzati l-imputati odjerni.

Dan kien diga` gie stabilit minn dina l-Qorti stess, diversament ippresjeduta, illi ghamlet mistoqsijiet hija stess sabiex tasal ghall-verita tikkwistjona l-funzjonabilita` tad-dipartiment u tipprova tifhem ghaliex id-Direttur tad-Dipartiment ghabba lill-esponenti bl-akbar piz.

Id-difiza tkompli biex turi l-irrelevanza tas-sentenzi kkwotati fin-nota tal-Prosekuzzjoni u cioe`
Pulizija vs Daniel Bruno;
Pulizija vs Mark Joseph Mangion;
Pulizija vs Alexander Attard;
Pulizija vs Justin Zammit.
Dina l-Qorti taqbel perfettament ma dawn il-konstatazzjonijiet li ghamlet id-Difiza.

Illi jirrizulta li l-kazijiet ta` *overadvancements* saru fis-snin tmenin (1980s), ferm u ferm qabel ma ttiehdu dawn il-proceduri fil-2006, Mejju. Illi jirrizulta wkoll, mix-xhieda ta` Anthony Imbroll, illi d-dipartiment sar jaf b'dan l-allegat agir ftit wara li sehh l-irkant fejn id-deheb li kien ghall-bejgh instab li kien *overpriced*. Dan kien f'Mejju, 2001. Vide ittra ta` Albert Santucci (19 ta` Mejju, 2001). Billi l-imputati gew notifikati bl-imputazzjonijiet fis-26 ta` Mejju, 2006, jigi li huma gew notifikati tard b'sebat (7) ijiem. Dan ghall-akkuzi taht l-Artikoli 180 u 188. L-Artikolu 692 ma jistax japplika stante n-nuqqas ta` vigilanza ppruvata tad-Dipartiment illi naqas milli japponta nies idonei ghal dan ix-xoghol u billi naqas milli jutilizza l-awdituri tieghu tant illi anke irregolaritajiet li kienu gew ikkagunati fis-snin tmenin (80), kienu ghadhom mhux skoperti ghoxrin sena wara. Illi, ghall-istess ragunijiet, dina l-Qorti tiddeciedi l-istess fil-konfront ta` dawk l-akkuzi li ghandhom perjodu ta` preskrizzjoni ta` sentejn u wkoll dawk ta` ghaxar snin.

Illi, pero, dina l-Qorti taghmel riferenza ghas-*search* li sar fid-dar ta` abitazzjoni ta` Joseph Mercieca fejn il-Pulizija sabet fil-pussess tieghu kwantita` ta` deheb, propjeta` tieghu li huwa kien rahan izda naqas milli jikkonsenjah fil-Monte di Pieta`, u rega` hadu d-dar. Dan sar fid-29 ta` Mejju, 2001. M'huwiex logiku li wiehed jistenna d-Dipartiment ikun jaf b'dan l-agir illegali ta` Mifsud stante li kien ikun difficli li jikkonstata dan meta wiehed jiehu in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-possibilita` li awdituri tad-dipartiment setghu jsostnu dawn jekk huma kienu qed jaghmlu xogholhom kif suppost. Fin-nuqqas ta` informazzjoni dwar meta Mifsud kien irtira dan id-deheb mill-Monte di Pieta` u minhabba li dan il-fatt kien gie skopert mill-Pulizija wara li kienet bdiet l-investigazzjoni taghhom wara li rcevew l-ittra mid-Direttur, dina l-Qorti waqt illi tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-imputati Maria Concetta sive Cettina Spiteri u fil-konfront ta` Noel Justin sive Noel Bartolo, qiedghha wkoll tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-akkuzi kollha migjuba kontra Joseph Mifsud hlief fil-konfront ta` dawk li jikkoncernaw is-sejba ta` deheb fid-dar ta` residenza tieghu.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------